ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tat-Tmexxija tal-Kurrikulu
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

**Kompetenzi Ewlenin**

**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji 2015**

| IR-RABA' SENA | IL-MALTI (Il-Qari u l-Kitba) | IL-ĦIN: Siegħa u nofs |
|---|---|---|

**L-isem u l-kunjom:** ______________________________ **Il-klassi:** ____________

**Għall-istudent/a:**

1. **Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub/a.**
2. **L-ortografija, il-punteġġjatura, is-sintassi, l-ideat u l-preżentazzjoni tajbin jgħinuk tikseb riżultati aħjar.**

**Għall-għalliema:**

| Il-MARKI | | | |
|---|---|---|---|
| | It-Taħdit u s-Smigħ | 10 | |
| | Il-Qari | 10 | |
| | Il-Kitba | 10 | |
| | Il-Letteratura | 10 | |
| | Il-Proġett | 10 | |
| | Il-Fehim mis-Smigħ | 10 | |
| | Il-Qari u l-Kitba | 40 | |
| | IT-TOTAL | 100 | |

| Taqsima | A(i) | A(ii) | B(i) | B(ii) | Ċ | D | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Marka | 5 | 5 | 6 | 4 | 5 | 15 | 40 |
| Marka tal-Istudent/a | | | | | | | |

**Kummenti:**

______________________________

______________________________

______________________________

| A. Fehim it-Test | (10 MARKI) |
|---|---|

**Aqra s-silta li ġejja u wieġeb il-mistoqsijiet wara.**

# Il-Furbani



Żmien twil ilu l-bdiewa Maltin u Għawdxin kellhom biża' kbir mill-furbani. Il-kelma "furbani" tfisser ħallelin tal-baħar. Dawn kienu jiġu fuq xwieni ħfief bħar-riħ, jinżlu għal għarrieda, u jaħbtu għad-djar u l-irziezet li jsibu viċin ix-xtut. Ma kienu juru ħniena ta' xejn. Kienu jisirqu u jaħtfu kulma jsibu – nies, bhejjem, raba' u erħilhom iġorru kollox lejn il-vapuri tagħhom sorġuti fix-xatt. ***(par.1)***

Il-gżejjer tagħna huma mimlija bi stejjer tal-furbani. Dawn il-furbani ġieli kienu jkunu baħrin Sqallin. Imma fil-biċċa l-kbira tagħhom kienu jkunu furbani Torok jew Għarab mill-Barbarija. Jingħad li darba fost l-oħrajn, il-mexxej tat-Torok Dragut attakka lil Għawdex u ġarr lil kull min sab fi triqtu lejn ix-xwieni Torok bħala lsir. L-irġiel kienu jitfgħuhom jaqdfu fix-xwieni filwaqt li lin-nisa u lit-tfal kienu jbigħuhom bħala qaddejja, Alla biss jaf fejn. Drabi oħra, il-furbani kienu jinżlu l-art, jieħdu l-ilma u l-uċuħ tar-raba', u jisparixxu mingħajr ma jagħmlu storbju ta' xejn, l-istess kif ikunu ġew. ***(par.2)***

Is-suldati tad-Dejma kienu dejjem għassa tagħhom, u mhux l-ewwel darba li qabduhom taħt idejhom. Imma dak iż-żmien it-trasport kien batut u sakemm jaslu tad-Dejma, il-furbani jkunu ħarbu. F'nofs is-seklu sittax, il-Granmastru De Redin bena minn butu erbatax-il torri biex iħares ix-xtut Maltin mill-attakki tal-furbani. ***(par.3)***

(Addattata minn *Aktar tagħrif*, p.68 ta' Victor Fenech meħuda mill-ktieb *Leġġendi minn Malta u Għawdex*, 2004)

| ___ 5 marki |
|---|

**i. Wieġeb il-mistoqsijiet fuq li għadek kemm qrajt.**

1. Żmien twil ilu minn min kienu jibżgħu l-bdiewa Maltin u Għawdxin? ***(par.1)***

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________(marka)

2. Xi tfisser il-kelma "furbani"? ***(par.1)***

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________(marka)

3. Biex kienu jivvjaġġaw lejn Malta l-furbani? ***(par.1)***

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________(marka)

4. Għal xiex kienu jaħbtu l-furbani meta jinżlu l-art? ***(par.1)***

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________(marka)

5. Semmi żewġ affarijiet li kienu jisirqu l-furbani meta jinżlu fuq l-art. ***(par.1)***

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________(marka)

| ___ 5 marki |
|---|

**ii. Għid jekk hux <u>VERU</u> jew <u>FALZ</u>.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. | Fil-biċċa l-kbira tagħhom, il-furbani kienu jkunu mill-Indja u t-Turkija. ***(par.2)*** | VERU | FALZ |
| 2. | Wieħed mill-mexxejja tal-furbani Torok kien Dragut. ***(par.2)*** | VERU | FALZ |
| 3. | Darba fost l-oħrajn, il-mexxej tat-Torok attakka lil Malta u ġarr lil kull min sab fi triqtu. ***(par.2)*** | VERU | FALZ |
| 4. | L-irġiel ħafna drabi kienu jinbiegħu bħala lsiera u n-nisa u t-tfal kienu jitħallew jaqdfu fix-xwieni. ***(par.2)*** | VERU | FALZ |
| 5. | Il-Granmastru De Redin kien bena minn butu numru ta' torrijiet biex jipproteġu l-gżejjer Maltin. ***(par.3)*** | VERU | FALZ |

| **B. Il-Grammatika** | **(10 MARKI)** |
|---|---|

**i. Imla l-ispazju f'Kolonna B skont l-informazzjoni f'Kolonna A.**

___ **6 marki**

| | ***Kolonna A*** | ***Kolonna B*** |
|---|---|---|
| 1. | "Jien **nikteb** ittra lil sieħbi." Aħna x'nagħmlu? | Aħna __________ ittra lil sħabna. |
| 2. | "Illum **niftaħ** il-bieb bil-mod." Ilbieraħ x'għamilt? | Ilbieraħ __________ il-bieb bil-mod. |
| 3. | It-tfal **ma telqux** lejn id-dar. Mark għamel bħalhom. | Mela anke Mark ______________ lejn id-dar. |
| 4. | Minn "**ġelat**" ngħidu "**ġelaterija**". | Minn "**pastizz**" ngħidu "_______________". |
| 5. | Ikteb din is-sentenza bis-sinjali tal-punteġġjatura meħtieġa: "*danjel ix-xiħ ta' ħdejna fetaħ il-bieb il-qadim bi tbatija kbira*" | |

**ii. Ibni erba' sentenzi billi tuża l-kartini ta' hawn taħt. Kull kartina tista' tintuża darba biss. Is-sentenzi li tibni jridu jagħmlu sens. Tinsiex li kull sentenza tibda b'ittra kapitali u tispiċċa bil-punt. Imxi bħall-eżempju.**

___ **4 marki**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **0.** | Il-kompjuter | inħaraq | bis-sajjetta. |
| **1.** | | | |
| **2.** | | | |
| **3.** | | | |
| **4.** | | | |

ir-raġel | ilbieraħ | Il-kelb | qlajna | il-kompjuter ✔

fil-Milied | ħataf | lil ommi

inħaraq ✔ | żort | r-rigali

l-annimali | Katrina | tħobb | bis-sajjetta ✔

## Ċ. Il-Kitba l-Qasira

___ 5 marki



Fit-23 ta' Novembru 2014 li għadda saret il-ġirja tal-President sabiex jinġabru l-flus għall-*Community Chest Fund*. Bosta kienu dawk in-nies li ħadu sehem f'din l-attività. Ikteb rapport ta' madwar 50 u 70 kelma dwar dan l-avveniment. Hawn taħt għandek xi mistoqsijiet li jistgħu jgħinuk biex tikteb dan ir-rapport. Tinsiex tagħti titlu lir-rapport tiegħek:

- *Meta sar dan l-avveniment?*
- *Min organizzah?*
- *Kemm ħadu sehem nies fil-ġirja?*
- *Kemm inġabru flus?*
- *Minn fejn bdiet il-ġirja u fejn intemmet?*
- *Kulħadd kellu bilfors jiġri jew kien hemm min mexa minflok?*

**agħti titlu**

___

___

___

___

___

___

___

___

___

___

## D. Il-Komponiment

___
**15-il marka**

**Ikteb madwar 150 u 180 kelma fuq WIEĦED minn dawn is-suġġetti u wieġeb fuq karti 7 u 8.**

**(13-il marka)**

1. Taqbel li s-subien u l-bniet għandhom imorru fl-istess skola fis-sekondarja? Għaliex?
2. "Kienet ġurnata xemxija u sabiħa." Kompli din l-istorja.
3. Iddeskrivi żewġ persuni li tant tammirahom f'ħajtek. X'jogħġbok fihom?
4. Dakinhar li tlift iċ-ċurkett li tani missieri qabel ma miet.

**Uża dan l-ispazju biex tagħmel il-pjan tal-komponiment tiegħek.** **(2 marki)**

**niżżel it- titlu**

**Tmiem il-Karta**